MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1177/1989/1

**Vincenzo, Andrew u Paolo ahwa Debono**

**vs**

**Emmanuel u Mario ahwa Bonnici f'isimhom proprio u bhala Diretturi tas-Socjeta Bonnici Brothers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi ghal-zmien twil l-atturi jiditjenu b'titolu ta' qbiela ir-raba maghruf Ta' Brejtel, f'Burmarrad;

Illi huma minn dejjem ghaddew ghar-raba imsemmi kemm bir-rigel u kemm b'mutur u veikoli ohra minn passagg wiesgha, f'raba detenut mill-konvenuti;

Illi recentement il-konvenuti bi vjolenza u minghajr ebda dritt ghamlu xogholijiet ta' kostruzzjoni u ostakoli ohra fl-imsemmi passagg b'konsegwenza illi l-istanti ma jistghux juzaw l-istess passagg liberament u kommodament kif min dejjem ghamlu;

Illi b'dan l-agir taghhom l-konvenuti proprio et nomine ikkommettew spoll recenti ghad-dannu tal-atturi;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti proprio et nomine ikkommettew spoll recenti ghad-danni tal-atturi meta ostakolaw lilhom l-access liberu ghar-raba taghhom mill-passagg imsemmi;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine inehhu kull kostruzzjoni u ostakolu iehor li huma ghamlu fil-passagg imsemmi u jaghmlu kollox fl-istat pristinu, taht d-direzjoni ta' Perit nominat ghal-dan il-ghan u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss; u

3. jekk jghaddi inutilment dan it-terminu, tawtorizza lill-atturi li jismantellaw l-istess kostruzzjoni abusiva u kull ostakolu iehor fl-istess passagg;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Ottubru l989 kontra l-konvenuti proprio et nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit:-

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-drittt stante li l-eccipjenti nomine ma ikkommettew l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi u dan stante li ma saret ebda kostruzzjoni fuq l-ebda passagg izda fil-proprjeta esklussiva tal-eccipjenti;

2. illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess qatt ma kien jezisti l-ebda passagg ghal-veikoli;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Frar 1990 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Huntingford bl-assistenza jekk ihoss il-htiega ta' perit legali Dottor Joseph Micallef Stafrace;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti proprio et nomine fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-atturi qatt ma kellhom ebda porzjonijiet divizi ta' art bi qbiela, kif jidher mir-ricevuti tal-qbiela relattivi, u ghalhekk ma ghandhom ebda interess guridiku fil-kawza, u ghalhekk wkoll il-konvenuti nomine ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti proprio et nomine debitament konfermata bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 1990 minn fejn jirrizulta li l-perit tekniku nominat informa l-Qorti li hemm il-htiega, kif gia' provdut, li tigi utilizzata l-assistenza tal-perit legali gia nominat;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Novembru 1990 li bih l-inkariku tal-perit legali gie estiz biex jiehu konjizzjoni ukoll tal-eccezzjonijiet ulterjuri u jirrilata dwarha okkorrendo fl-ewwel lok;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-16 ta' Gunju 1994 li bih gie sostitwit il-perit legali u minnflok giet nominata l-Avukat Dottor Abigail Lofaro bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Novembru 1994 li bih gie sostitwit il-perit tekniku, li purtroppo gie nieqes fil-mori tal-kawza, u gie nominat minnflok l-AIC Frederick Doublet bl-istess fakoltajiet;

Rat l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet (citazzjoni numru 130/89 F)deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-3 ta' Ottubru 1996;

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta' Lulju 2000 li biha l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti giet michuda;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2000 li bih gie sostitwit il-perit tekniku u gie nominat minnflok l-AIC Joseph Ellul Vincenti bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2002;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda tal-perit tekniku eskuss mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li huma jiditjenu bi qbiela r-raba f'Burmarrad maghruf Ta' Brejtel u biex jaccedu ghal dan ir-raba huma dejjem ghaddew, kemm bir-rigel u kif ukoll bil-mutur u veikoli ohra, minn passagg f'raba detenut mill-konvenuti. Recentement il-konvenuti, vjolentement u irregolarment, ghamlu bini u ostakoli ohra fl-imsemmi passagg tant li l-atturi ma jistghux aktar jghamlu usu tal-istess passagg. L-atturi jallegaw li b'dan l-agir taghhom, il-

konvenuti kkommettew spoll recenti ghad-dannu tal-istess atturi. B’hekk l-atturi qed jitolbu, fost affarijiet ohra, li jigi dikjarat li l-konvenuti ikkommettew spoll recenti ghad-danni tal-atturi u konsegwentement jigi ordnat lill-istess konvenuti li jaghmlu kollox fl-istat pristinu tieghu;

Il-konvenuti nomine qed jeccepixxu li huma ma ikkommettew l-ebda spoll stante li l-bini sar fil-proprjeta esklussiva tal-eccipjenti u li qatt ma kien jezisti xi passagg ghal-veikoli. L-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti proprio et nomine giet michuda bis-sentenza tas-7 ta’ Lulju 2000;

Il-presenti azzjoni hi wahda ta spoll privileggjat, mghamula a basi tal-provedimenti tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap.16). Sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-atturi ghandhom jipprovaw li huma possessuri tal-passagg in kwestjoni u li gew molestati mill-konvenuti. B'referenza ghall-artikolu 524 tal-istess Kodici Civili hu bizzejjed li l-atturi jipprovaw l-anqas grad ta pussess, u cioe li huma kienu almenu qed jiddetjenu ghan-nom ta haddiehor. Skond l-istess artikolu 535 din l-azzjoni ta spoll privileggjat trid issir fi zmien xaharejn minn meta jkun sar l-ispoll. Ghar-rigward tat-terminu li fih kellha ssir din il-kawza l-konvenuti ma ssollevaw ebda kontestazzjoni;
Il-perit tekniku kkonkluda li jirrizulta li l-atturi kellhom dritt ta’ passagg ghall-ghalqa taghhom mill-passagg in kwestjoni. Inoltre jirrizulta li l-istess atturi kellhom dritt li minn dan l-istess passagg jaghhdu kanali tal-ilma ghat-tisqija. L-atturi pero’ naqsu li jippruvaw li l-passagg kien ta’ tali wiesgha li kien jippermetti ddhul ta’ truck Jirrizulta ukoll li l-atturi kienu, minn dejjem, jghaddu bil-mutur tal-hart. Il-perit tekniku kkonkluda ukoll li l-passagg li l-konvenuti hallew ghall-uzu tal-atturi hu addattat u wiesgha bizzejjed biex wiehed jaghddi bir-rigel u / jew b’mutur tal-hart;

Il-Qorti esaminat ir-relazjoni tal-Perit Tekniku u taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghamel il-perit tekniku u mal-imsemmija konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Dawn ghalhekk qed jigu adottati u l-Qorti tghanillhom taghha;

Kosegwentement jirrizulta li l-atturi kellhom il-pussess tal-passagg in kwestjoni. Ma jirrizultax pero’ sufficjentement

pruvat li l-atturi gew molestati f'dan il-pussess. Difatti l-atturi qatt ma kellhom id-dritt li jghaddu minn dan il-passagg bit-truck jew b'veikoli ohra. Jirrizulta pero' li l-istess atturi kellhom id-dritt li jghaddu bir-rigel u bil-mutur tal-hart. Jirrizulta li mal-genb ta' dan il-passagg il-konvenuti bnew hajt pero' hallew passagg ta' tlett piedi li hu bizzejed sabiex l-istess atturi jibqghu jghaddu bir-rigel u bil-mutur;

In vista tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti u konsegwetement t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------